MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 39/2010

**Joseph Axiak f'ismu proprju u ghan-nom ta' huh imsiefer Emanuel Axiak kif debitament awtorizzat bi prokura generali hawn annessa**

**Vs**

**Lawrence Axiak, Mary Axiak u Maria Assunta mart John Borg u Rita mart Romeo Galea**

Il-Qorti,

Illi permezz tar-rikors guramentat l-atturi ppremettew:-

1. Illi l-kontendenti huma wlied Salvu u Guzeppa Axiak li kellhom il-karta tal-identita' numri 44821 (G) u 49025(G) rispettivament.

2. Illi Salvu Axiak miet fil-21 ta’ Mejju 2004 skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala dokument A u l-wirt tieghu ddevolva fuq uliedu permezz ta’ zewg testmenti tal-1 ta’ Ottubru 1992 u tal-24 ta’ Frar 1996 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti B u C.

3. Illi skond dawn it-testmenti, il-konjugi Axiak hallew b’titolu ta’ legat l-uzufrutt generali tal-beni taghhom kollha, mobbili u immobbli u fost xi legati u prelegati li huma hallew, innominaw lil uliedhom kollha ossija l-kontendenti bhala werrieta universali taghhom.

4. Illi Guzeppa Axiak mietet fis-16 ta’ April 2009 skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala dokument D.

5. Illi skond zewg certifikati ta’ testmenti pubblici u sigrieti mahruga mir-Registru Pubbliku ta’ Malta u mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti E u F, id-decujus ghamlet tliet testmenti ohra ossija tas-6 ta’ Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument G, testment iehor tad-9 ta’ Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qed jigi mmarkat bhala dokument H u t-testment sigriet tal-4 ta’ Dicembru 2007 li gie miftuh mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fid-9 ta’ Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument I.

6. Illi Guzeppa Axiak meta ghamlet dawn l-ahhar testmenti taghha, ma kienitx kapaci u ma kinietx tinstab fil-pjeni poteri mentali taghha skond il-ligi u taghmel dawn it-testmenti stante li hija kienet dementi u kienet affetta b’marda ta’ dementia senili.

7. Illi hija tul dawn l-ahhar erba’ snin qabel il-mewt taghha ma kienitx la taghraf lil uliedha u l-anqas tista’ tikkomunika maghhom b’mod kostruttiv u cioe’ l-anqas bil-kliem u l-anqas bil-gesti.

8. Il-kliem ma setghux johorgu minn fommha u meta wiehed kien ikellimha, hija ma kinitx tirrispondi imma kultant taghmel espressjoni f'wiccha ta' tbissima cassa.

9. Illi ghalhekk meta hija ghamlet l-ahhar tliet testmenti taghha ossija tas-6 ta' Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument G, testment iehor tad-9 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qed jigi mmarkat bhala dokument H u t-testment sigriet tal-4 ta' Dicembru 2007 li gie miftuh mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fid-9 ta' Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument I hija ma kinitx kapaci peress li hija ma kinitx f'sensiha fl-epoka li saru t-testmenti u konsegwentement it-testmenti ta' Guzeppa Axiak huma nulli u bla effetti fil-ligi stante l-inkapacita' taghha.

10. Illi l-istat abitwali tat-testatrici fl-epoka qabel it-testment, tat-testment u anke wara t-testment sal-mewt taghha kien illi t-testatrici kellha dementia senili qawwija li kompliet taggrava biz-zmien.

11. Illi ghalhekk dawn it-tliet testmenti huma nulli u bla effett guridiku ghax meta t-testatrici ghamlet dawn it-tliet testmenti ossija tas-6 ta' Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument G, testment iehor tad-9 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qed jigi mmarkat bhala dokument H u t-testment sigriet tal-4 ta' Dicembru 2007 li gie miftuh mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fid-9 ta' Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument I hija kienet marida b'mohha meta ghamlithom jew subordinatament kienet ta' mohh u ta' volonta' tant debboli li kienet strument f'idejn haddiehor u ghalhekk dawn it-testmenti mhumiex validi skond il-ligi u partikolarment skond l-artikolu 597 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Illi c-certifikati medici tal-Professur Abraham Galea annessi ma' dawn it-tliet testmenti m'ghandhomx jigu

kkunsidrati validi stante illi l-imsemmi Professur, bl-iktar mod ta' nuqqas ta' professjonalita' hareg dawn ic-certifikati meta effettivament hija kienet diga' dementi u biex jipprovaw dan kollu, ir-rikorrenti marru ghand l-istess Professur Abraham Galea wara li mietet ommhom u talbuh johrog certifikat li ommhom kienet fi stat mentali tajjeb minghajr ma ezaminaha ghax kienet diga' mejta.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi Guzeppa armla minn Salvu Axiak ma kinitx kapaci biex taghmel it-testmenti tas-6 ta' Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument G, testament iehor tad-9 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qed jigi mmarkat bhala dokument H u t-testment sigriet tal-4 ta' Dicembru 2007 li gie miftuh mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fid-9 ta' Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument I;

2. konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi dawn it-testmenti hawn fuq riferiti huma nulli u bla effett guridiku stante illi Guzeppa Axiak kienet marida b'mohha meta ghamlithom u/jew subordinatament kienet ta' mohh u ta' volonta' tant debboli li kienet strument f'idejn haddiehor u ghalhekk dawn it-testmenti mhumiex validi skond il-ligi u partikolarment skond l-artikolu 597 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' April 2010 u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti Mary Axiak, Maria Assunta mart John Borg u Rita mart Romeo Galea fir-risposta guramentata taghhom eccepew hekk:-

1. Illi fl-ewwel lok trid issir il-prova li Joseph Axiak verament jiddetjeni prokura generali ta' huh l-imsiefer Emanuel Axiak stante li fir-rikors guramentat, minkejja dak

li jinghad, ma giet annessa l-ebda prokura generali. Fin-nuqqas li tigi prezentata tali prokura, l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li meta saru t-tliet testmenti u cioe' dawk pubblici tas-sitta (6) ta' Dicembru 2006 u tad-disgha (9) ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech kif ukoll dak sigriet ta' l-erbgha (4) ta' Dicembru 2007 li gie miftuh mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fid-disgha (9) ta' Dicembru 2009, Guzeppa Axiak kienet u baqghet anke wara li saru t-testmenti msemmija fil-pussess pien tal-poteri mentali taghha u dan kif sejjer jirrizulta bl-aktar mod ampju u car waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Jigi senjalat li fl-istess epoka li saru t-testmenti sucitati Guzeppa Axiak kienet ghaddiet ukoll proprjeta' immobbli b'titolu ta' donazzjoni a favur tar-rikorrenti Joseph Axiak u ibnu Jason Axiak. Fl-ebda hin ma gie allegat li meta hija ghamlet dawn il-kuntratti ma kinitx *compos mentis* u dan allura jimplika li fl-istess perjodu hija kienet kapaci wkoll tiddisponi bi hwejjigha permezz ta' testmenti. L-allegazzjoni ghalhekk li Guzeppa Axiak kienet dementi hija hrafa, malafama u insult ghall-memorja ghaziza ta' omm l-esponenti, li rabbiet lil uliedha kollha b'tant ghozza u sagrificcji personali;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u jekk kellu jitqies ghall-pura grazzja ta' l-argument biss li l-Professur Abraham Galea hareg ic-certifikati medici li gew annessi ma' l-imsemmija testmenti meta ma kienx ezamina lil Guzeppa Axiak, dan minnu nnifsu ma jgibx in-nullita' tad-disposizzjonijiet testamentarji stante li minn imkien fil-Kodici Civili ma jirrizulta li sabiex persuna taghmel testment, ma' tali testment jrid ikun hemm anness certifikat mediku validu u dan taht piena ta' nullita' ta' l-istess disposizzjonijiet testamentarji;

4. Illi t-testmenti li ghamlet Guzeppa Axiak li saru fl-ahhar erba' snin ta' hajjitha saru minn jeddha, di *sua sponte* u ghax hekk kienet il-volonta' taghha u ma kien

hemm l-ebda element ta’ pressjoni jew geghil minn terzi persuni, inkluz uliedha;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

6. B’referenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat, imbaghad, l-esponenti ghandhom is-segwenti x’jirrilevaw:

(a) Illi ghar-rigward l-ewwel sal-hames paragrafi tar-rikors guramentat, dawn mhumiex kontestati stante li l-informazzjoni kontenuta tohrog mid-dokumenti ufficjali prezentati ma’ l-istess rikors guramentat;

(b) Illi mis-sitt (6) sal-hdax (11)-il paragrafu huma kollha kontestati stante li mhux minnu li Guzeppa Axiak ma kinitx fil-pussess pien tal-poteri mentali taghha, jew li kienet dimenti jew inkella suxxettibbli ghall-pressjoni ta’ terzi persuni;

(c) Illi t-tnax (12)-il paragrafu huwa wkoll kontestat ghar-raguni li certifikat mediku mhux rikjest *ad validitatem* sabiex isir testment pubbliku jew sigriet. In oltre r-rikorrenti agixxew b’*mala fede* assoluta u deplorabbli minghajr l-ebda rizerva meta huma avvicinaw u deliberatament zgwidaw lill-Professur Galea biex johrog certifikat meta kienu pienament konxji li ommhom kienet diga’ mejta u dan biex jilhqu l-iskopijiet ta’ mohhom.

Rat li fir-risposta guramentata tieghu Lawrence Axiak eccepixxa:

1. Preliminarjament ir-rikorrenti naqsu li jipprezentaw l-allegata prokura li Joseph Axiak ghandu ta’ huh Emanuel Axiak u li ghalhekk il-gudizzju ma huwiex integru;

2. Illi l-esponenti jiddikjaraw bhala li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet li ghamel l-attur u cioe’ li ommu Guzeppa Axiak ma kellhiex is-setgha menatli li tiddisponi mill-gid taghha u dana stante li t-tliet testmenti u cioe’ tas-sitta (6) ta’ Dicembru 2006, tad-9 ta’ Dicembru 2009 u 4 ta’ Dicembru 2007 huma kollha muniti b’certifikat

mediku li jikkonferma l-kapacita' mentali tal-mejta Guzeppa Axiak;

3. Illi bla preguidizzju ghall-premess l-esponenti jirrileva illi l-hrug ta' certifikat mediku ma' kull testment hija prassi notarili u li ma temani mill-ebda disposizzjoni tal-ligi ghaliex l-presunzjoni hija dejjem favur is-sanita' mentali ta' testatur jew testatrici;

4. Salvi risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-affidavits u semghet ix-xhieda.

Rat il-verbali kollha tal-qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011 il-kawza giet differita ghas-seduta tas-26 ta' Lulju 2011.

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Gunju 2011.

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011 il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali ghall-14 ta' Ottubru 2011.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fis-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2011. Fl-istess seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Frar 2012.

Rat li fis-17 ta' Frar 2012 il-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u giet differita ghas-seduta tal-11 ta' Mejju 2012.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012 il-qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-8 ta' Gunju 2012.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2012, kellha bzonn aktar zmien u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenuti kollha giet sorvolata peress li giet ezebita l-prokura.

Illi l-artikolu 597 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*'Huma inkapaci li jiddisponu b'testment:*

*(a) dawk li ma jkunux ghalqu l-età ta' sittax-il sena;*

*(b) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaci li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minhabba xi difett jew hsara, ma jkunux kapaci, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda taghhom:*

*Izda testment jista' biss isir permezz ta' interpretu jekk dan ikun testment pubbliku u n-nutar li jkun qed jircievi t-testment ikun sodisfatt, wara li jaghti gurament lill-interpretu, li dak l-interpretu jista'*
*jinterpreta x-xewqat tat-testatur b'mod korrett;*

*(ċ) l-interdetti minhabba mard tal-mohh;*

*(d) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment;*

*(e)l-interdetti minhabba tberbiq, kemm-il darba ma jigux awtorizzati jiddisponu minn hwejjighom mill-qorti li tkun ordnat l-interdizzjoni taghhom:*

*Izda l-interdett minhabba tberbiq jista', ukoll minghajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti, ihassar it-testment li jkun ghamel qabel l-interdizzjoni tieghu'.*

Illi ghall-kawza tal-lum is-subartikoli relevanti huma l-(b) u (d).

Illi imbaghad l-artikolu **599 tal-Kap 16** jistipula li *'it-testmenti maghmulin minn persuni nkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita' tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu'.*

Illi z-zmien relevanti ghall-prova ta’ din l-inkapacita’ d-dottrina tghallem li:

*‘Se senz’essere alienato, il testatore si trovava nell’impossibilita’ di manifestare il proprio volere, bisogna naturalmente che l’attore provi che la causa che gl’impediva di manifestare la sua volonta’ esisteva nel momento dell’atto’.*[1]

Illi kif intqal fis-sentenza **Lewis Spiteri vs Angela Aquilina**[2] meta ssir kawza ghall-impunjazzjoni ta’ testment minhabba nkapacita’ mentali tat-testatur il-principji li jiggvernaw il-vertenza ghandhom ikunu s-segwenti:

Fl-ewwel lok, il-kapacita’ li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita’ hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita’; liema presunzjoni hija “juris tantum”. Kull persuna ghandha titqies *of sound mind* u li tippossjedi l-fakultajiet mentali ta’ persuna ordinarja, u ghalhekk ghandha tkun prezunta bhala kapaci. Huma kkonsidrati nkapaci li jiddisponu b’testment dawk li fi zmien it-testment ma jkunux f’sensihom.

Illi sabiex it-testatur ikun kapaci jaghmel testment ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x’inhu jaghmel. Ma hemmx ghalfejn illi t-testatur ikollu *“una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quell limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio’ che si fa…….. basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria onde sia capace di determinazione e di volonta’ ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose …”*[3].

---

[1] **Laurant: Principii di Diritto Civile;** Vol XI para 139 pag 144.

[2] Cit Nru: 785/2003GV deciza fit-28 ta’ Gunju, 2006

[3] **Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak,** Appell Civili deciz fl-20 ta’ Gunju, 1938.

L-inkapacita' tat-testatur ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja t-testment. *"Huwa principju accettat li, kemm fil-kaz ta' persuna li ma kienitx kapaci taghmel testament, u kif ukoll fil-kaz fejn jigi allegat li persuna kienet imgeghla taghmel testament, il-piz tal-prova jaqa' fuq min irid igib it-thassir tat-testment"*[4]

"Sabiex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet…. *i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persona defunta a riguardo della quale non sono piu' possibili quegli esperimenti medico legali*". Min jipprova jimpunja t-testment jehtieg li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-testment it-testatur ma kienx kapaci. "*La prova deve essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne' volonta propria*"[5]**;**

Il-Qrati taghna dejjem kienu riluttanti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita' mentali tat-testatur jekk dik l-inkapacita' ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment[6].

Ir-ragjonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment hija wahda mill-kriterji li ghandhom iwasslu lill-gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita' mentali jew le tat-testatur, jigifieri biex jiddeciedi jekk fil-waqt li kien qieghed jaghmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza bizzejjed ta' dak li kien qieghed jaghmel u volonta' li jiddetta dawk id-disposizzjonijiet li hemm fit-testment.

---

4 **John Agius vs Carmelo Agius**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-8 ta' Lulju, 2004

5 **Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak**, Appell Civili, 20 ta' Gunju, 1938

6 Vol 34 p 108 App **Vassallo vs Dr. V. Sammut** 24 ta' April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App **Formosa vs Axiak** 20 ta' Gunju 1938.

Ghandhom ukoll relevanza qawwija d-deposizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testaturi u n-Nutar li ghamel it-testment, dwar l-istat u l-komportament tat-testatur fiz-zmien relevanti.

Imbaghad fejn hemm l-allegazzjonijiet dwar raggiri, kaptazzjoni u mezzi lleciti ohra li jeffettwaw il-kunsens tat-testatur, il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti. Diversament, f' kaz ta' dubju, dan ghandu jmur favur il-konvenut li kontra tieghu tkun ezercitata din l-azzjoni[7]. Illi sabiex l-eghmil qarrieqi ikun motiv ta' nullita', irid jintwera illi l-qerq uzat kien ta' entita' tali illi, kieku ma kienx sar, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet li kien effettivament deher illi ghamel. Irid jirrizulta, ghas-success tal-azzjoni, illi l-volonta' tat-testatur tkun giet imdawwra bhala rizultat dirett ta', u b'effett tal-qerq adoperat fuqu. Hekk biss ir-raggiri jkunu effettwaw il-kapacita' tat-testatur. Mhux bizzejjed li t-testatur ikun qaghad ghax-xewqa ta' persuna ohra, u li jkun ikkuntentaha fid-disposizzjonijiet testamentarji. Daka ma jammontax ghal qerq

Illi l-fatti li wasslu ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti:

- Il-partijiet f'din il-kawza huma wlied Salvu u Guzeppa Axiak

- Salvu Axiak miet fil-21 ta' Mejju 2004. Huwa kien ghamel 2 testmenti *unica charta* fl-1 ta' Ottubru 1992 u fl-24 ta' Frar 1996.

- Fit-testment ta' l-1 ta' Ottubru 1992 it-testaturi Salvu u Guzeppa Axiak hallew l-uzufrutt generali tal-beni kollha taghhom lil xulxin. Huma ezentaw lil uliedhom mill-kollazzjoni. Hallew prelegat ta' uzu u abitazzjoni gratuita lil ulied celibi. Hallew prelegat lil Lawrence Axiak u lis-sitt uliedhom eredi universali.

- Fit-testment ta' l-24 ta' Frar 1996 it-testaturi kkonfermaw it-testment ta' l-1 ta' Ottubru 1992 u hallew

---

[7] **Camilleri et vs Camilleri**, Appell Civili, 19 ta' Mejju, 1947

prelegat lil binhom Lawrence ta’ flat fiz-Zebbug, Ghawdex ghal servigi, kuri u assistenzi.

- Guzeppa Axiak apparti t-testmenti ta’ l-1992 u tal-1996 ghamlet 3 testmenti ohra (i) dak tas-6 ta’ Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech; (ii) testment sigriet ta’ l-4 ta’ Dicembru 2007; u (iii) tad-9 ta’ Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech.

- Fis-sena 2002 Guzeppa Axiak tatha stroke.

- Fis-16 ta’ Lulju 2004 gew ippubblikati l-kuntratti ta’ donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Michael Refalo li permezz taghhom Josephine Axiak iddonat immobbli lil binha Joseph Axiak u lin-neputi taghha Jason Axiak.

- Fit-testment tas-6 ta’ Dicembru 2006 Guzeppa Axiak irratifikat u kkonfermat it-testment *unica charta.* Halliet b’titolu ta’ legat lil bintha Rita Galea diversi bicciet raba’ u dan bhala kumpens ghal kuri, servigi u assistenzi. Iddisponiet li d-donazzjoni li saret lil Jason Axiak u lil Joseph Axiak fis-16 ta’ Lulju 2004 ma kellhiex tkun ezenti mill-kollazzjoni. Halliet legat lil M’Assunta ta’ depoziti bankarji wkoll ghal kuri, servigi u assistenzi. Lil uliedha Lawrence, Emanuel u Maria hallietilhom is-sehem rizervat.

- It-testment sigriet ta’ l-4 ta’ Dicembru 2007 huwa simili tat-testment tas-6 ta’ Dicembru 2006. Halliet prelegati lil Rita Galea u lil M’Assunta. Hija ordnat kollazzjoni tad-donazzjoni li saret lil Jason u Joseph Axiak, lil Emanuel Axiak kif ukoll ordnat li jkun hemm kollazzjoni ta’ ¼ indiviz mill-bicca raba’ tac-Cnus. Halliet il-porzjon rizervata lil Maria u Lawrence.

- Fil-15 ta’ April 2008 gie ppubblikat ukoll kuntratt in atti Dr Mariosa Grech li permezz tieghu Guzeppa Axiak ghamlet donazzjoni a favur ta’ bintha Mary Axiak ta’ garaxx.

- Fit-testment tad-9 ta’ Jannar 2009 Guzeppa Axiak irrevokat u hassret it-testment tas-6 ta’ Dicembru 2006.

- Guzeppa Axiak mietet fis-16 ta' April 2009.

Illi l-atturi jsostnu li ommhom kienet affetta minn dementia senili u jew kienet ta' mohh u ta' volonta' tant debboli li kienet strument f'idejn haddiehor u ghalhekk it-testmenti tas-6 ta' Dicembru 2006, tal-4 ta' Dicembru 2007 u tad-9 ta' Jannar 2009 mhumiex validi.

In sostenn tat-tezi tieghu l-attur Joseph Axiak xehed illi tliet snin qabel ma mietet, ommu meta kien imur jaraha ma kinitx tkellmu, tidhaklu u tipprova tgedwed b'mod li ma tinftehimx. Huwa xehed li ommu ma kinitx taf fejn qeghda u hutu l-bniet kienu jiehdu hsiebha u ma jhalluhix wahedha. Hija ma kinitx indipendenti, kienet waqfet titkellem totalment u ma kinitx taf turi x-xewqat taghha. Sostna li f'Marzu 2008 ma marritx tivvota ghax ma setghetx tesprimi l-volonta' taghha.

Illi Emanuel Axiak, li ilu jghix il-Kanada mill-1965, xehed li ommu u huwa kienu jiktbu lil xulxin kull gimghatejn sa' l-1 ta' Dicembru 2002 meta ommu pruvat tiktiblu u ma setghetx aktar. L-ahhar darbtejn li mar Ghawdex ommu ma kinitx taf min huwa. L-ahhar darba li mar lanqas setghet tikkonversa ma' hadd. Kien icemplilha u ma kinitx tkellmu.

Illi Jason Axiak, Stephanie Axiak u Mary Axiak xehdu fuq l-istess linja li xehed Joseph Axiak.

Illi min-naha taghhom il-konvenuti taw versjoni ferm differenti minn dik attrici. Il-konvenuti xehdu fis-sens li wara l-istroke meta hadu lil ommhom lura d-dar bdew jaghmlulha kollox huma. Ma kienux ihalluha wahedha. Dan kienu jaghmluh pero' minhabba li kienet avvanzata fl-eta' u mhux ghax kienet mentalment inkapaci. Infatti certu affarijiet personali taghha kienet taghmilhom hija. Fl-ahhar xhur ta' hajjtiha kienu jaghmlulha l-harqa bil-lejl u kienu jghinuha biex tinhasel biex ma tizloqx. Wara l-istroke hija kienet iddum biex tohrog il-kelma imma mentalment baqhet kapaci. Baqghet timxi sa' l-ahhar u ma kinitx bniedma li taghmel biha li trid. Rita Galea, per ezempju,

xehdet li fl-ahhar il-problema ta' ommha kienet *'illi l-kliem kienet iddum biex tghid u fl-ahharnett kienet iebsa ferm biex tesprimi ruhha'* pero' kienet tifhem.

Illi meta l-qorti jkollha quddiemha versjonijiet konfliggenti referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia**[8] fejn gie ritenut:

*'Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*[9]

*Jigu osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[10]*.Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni.*

*Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet*[11]*. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.'*

Illi f'dan il-kaz pero' ma xehdux biss il-partijiet. Infatti tressqu diversi xhieda ohra li se ssir referenza ghalihom aktar 'il quddiem.

---

[8] Cit Nru: 1523/1997 deciza fil-5 ta'Ottubru, 2004

[9] Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia deciza fl-24 ta' Novembru, 1996

[10] App.Inf, .**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et** deciza fit-22 ta' Novembru 2002

[11] App.Civ. Paul Vassallo et vs Carmelo Pace[1986] Vol.LXX.II.144

Illi mill-provi akkwiziti u minn dak li rrizulta mid-diversi xhieda din il-qorti hija moralment konvinta li l-versjoni tal-konvenuti hija wahda verosimili li giet ukoll korroborata minn diversi professjonisti u t-tabib kuranti ta’ Guzeppa Axiak u dan ghal diversi ragunijiet li se jigu hawn taht elenkati:

- Meta Guzeppa Axiak sofriet stroke fis-sena 2002 jirrizulta fil-file mediku taghha kellha notament li tbati minn dystheria ossija kundizzjoni li taghti lok ghal diffikultajiet biex tikkomunika. Jirrizulta li Guzeppa Axiak qatt ma rnexxielha tirkupra l-kelma kif kienet qabel ma sofriet l-istroke. Madankollu ma jfissirx li ma kienet titkellem xejn.

- Wara l-istroke Guzeppa Axiak ghamlet diversi kuntratti pubblici fosthom fis-sena 2004 donazzjoni a favur ta’ Joseph Axiak u ibnu Jason Axiak. In-Nutar li ppublika dawk il-kuntratti, in-Nutar Michael Refalo, xehed li fil-kuntratti ma jissemmew l-ebda certifikati medici u dan peress li huwa jitlob certifikat mediku meta jkollu dubju li firmatarju ta’ kuntratt ma jkunx mentalment kapaci li jaghmel il-kuntratt. Ghalkemm in-Nutar ma ftakarx lil Guzeppa Axiak huwa xehed hekk in kontro-ezami[12] : *‘Ladarba ghamilt il-kuntratt jiena kont konvint illi Josephine Axiak kienet qed taghmel affarijiet illi trid’.* Ghalkemm ma ftakarx bi preciz xehed li lil Joseph Axiak kien jafu minn qabel il-pubblikazzjoni ta’ dawn il-kuntratti w allura x’aktarx li kien kellmu huwa u d-dokumenti nghataw lilu mill-istess Joseph Axiak.

- Fil-15 ta’ April 2008 gie ppubblikat kuntratt ta’ donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Mariosa Grech. Ix-xhieda taghha titfa’ hafna dawl fuq l-istat ta’ Guzeppa Axiak dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt[13]. Spjegat li kienet Mary Axiak li kellmitha u l-istess Nutar talbitha ggib pjanta biex tigi annessa mal-kuntratt u inoltre’ wara li saret taf li l-eta’ ta’ Guzeppa Axiak kienet wahda avvanzata, kif normalment taghmel, talbet lil Mary Axiak tipproduci certifikat mediku. Testwalment hija qalet hekk:

---

[12] A fol 246 tal-process

[13] A fol 239 et seq tal-process

*‘Il-kuntratt kien kuntratt ta’ donazzjoni. Nikkonferma illi Guzeppa Axiak kienet tkellmet dakinhar tal-kuntratt. Kienet iddum xi ftit biex taqla’ il-kelma, pero’ jiena fhimtha, kollox fhimt. F’dan il-kuntratt ma kienx hemm affarijiet kbar, staqsejtha x’jisimha u l-konnotati taghha. Il-kuntratt ktibtu dak il-hin meta kienu quddiemi. Jiena kieku kelli xi dubju ma kontx ser nippubblikah il-kuntratt. Meta giet tiffirma Guzeppa ma kienx hemm diffikultajiet partikolari, kienet hi stess li ffirmat l-att. Meta cemplitli Mary Axiak biex taghmel l-appuntament kienet qaltli li ser isir kuntratt ta’ donazzjoni, pero’ id-dettalji nghataw lili dakinhar li sar il-kuntratt.*

*Lil Guzeppa Axiak dakinhar tal-kuntratt staqsejtha minn fejn giet il-proprjeta’. Il-provenjenza li tissemma’ f’dan l-att inghatat lili bhala taghrif minn Guzeppa Axiak.’*

In kontro-ezami wiegbet hekk:

*‘Ix-xiha taghtni d-dettalji taghha. Guzeppa taghtni l-I.D. Card taghha. Jiena ma hiniex certa min taghni d-dettalji ta’ Guzeppa Axiak, ghadda wisq zmien mid-data tal-kuntratt. Illum nahseb illi d-dettalji dwar isem ommha u missierha, taghthomli Guzeppa, kunjom xbubiet ommha nahseb li taghtuli bintha Mary. Guzeppa kienet titkellem bil-mod, ma kinitx fluent. Kienet iddum biex taqlaghha, pero’ ma kinitx tkarkar il-kliem. Guzeppa qaltli illi kienet tat lil uliedha kollha xi haga u li lil Mary Axiak ma kienet taghtha xejn u li kienet qeghda ddur biha. Qaltli li lil min l-iktar li kien dar biha ma kienet taghtu xejn, hawn kienet qed tirreferi ghal bintha Mary. Zgur li dan il-kliem qalituli Guzeppa.*

*Nikkonferma li biex ghamilna l-kuntratt konna domna. Guzeppa qaltli li l-proprjeta’ kien wirt taghha. Nahseb li Mary taghtuli c-certifikat tal-mewt tan-nanna, pero’ jien dawn l-affarijiet ma ghadnix niftakarhom illum bl-ezatt. Qaltli li l-ahjar affarijiet kienu haduhom u li din, kienet hawn qed tirreferi ghal Mary, daret biha u kienet ghadha ma taghtha xejn.’*

*'Jiena ma tkellimtx mat-tabib John Xuereb Curmi, ma huwiex soltu li jien nikkomunika mat-tabib li jkun hareg ic-certifikat. Jiena minn dak li rajt u minn dak li qaltli Guzeppa, ma kellix xi raguni ghalfejn nissuspetta jew niddubita mid-dikjarazzjoni li ghamel it-tabib. Kieku kelli xi dubji, jiena ma kontx ser naghmlu l-kuntratt.'*

- Illi n-Nutar Dr Kristen Dimech li ppubblika zewg testmenti dak tal-2006 u dak tal-2009 xehed testwalment hekk[14]

*'Jiena kkomunikajt ma' Giuseppa Axiak. Qaltli li giet ghandi biex naghmlilha t-testment. It-tifel taghha kien prezenti meta sar it-testment. Il-komunikazzjoni kienet ma' l-omm. Safejn niftakar hi kienet titkellem taht l-ilsien; kienet soft spoken. Iktar ma beda jghaddi z-zmien iktar beda jkollha diffikulta' biex titkellem. Kienet iddum biex taqla' l-kelma. Dan kien jezisti ukoll fis-sena 2006 meta sar it-testment. Ghamiltilha zewg testmenti. Din id-diffikulta' kienet fid-darbtejn. Kienet titkellem, pero', kienet anke tuza rasha meta naghmlilha domanda.'*

*'L-affarijiet fid-dettal kif graw ma niftakarhomx pero' l-komunikazzjoni li kelli maghha fl-elfejn u disgha (2009) kien fis-sens illi jithassar it-testment tal-elfejn u sitta (2006). Komunikazzjoni kienet dejjem maghha; mhux mat-tifel. Ma niftakarx pero' jekk it-tifel kienx tkellem. Jiena ma niftakarx jekk dakinhar li giet fl-elfejn u disgha (2009) biex thassar it-testment tal-elfejn u sitta (2006) il-komunikazzjoni tieghi maghha kienitx bil-kliem fis-sens li jiena nistaqsiha u hi twegibni bil-kelma jew jekk ikkomunikatx mieghi bis-sinjali'.*

*'Nikkonferma illi minn dak kollu li ghamilt jiena konvint illi dak li ktibt kienet il-volonta' tat-testatrici'.*

- Illi n-Nutar Dr Christian Zammit xehed hekk[15]:

---

[14] A fol 102 *et seq* tal-process

[15] A fol 82 *et seq* tal-process

*‘Giuseppa Axiak kienet giet l-ufficcju ghandi. Kienet giet akkumpanjata minn binha Lawrence Axiak. Ma kontx nafha qabel dakinhar lil Guzeppa. Sa fejn niftakar Guzeppa giet bit-testment lest; ma kienx maghluq f’envelope. Tajtha envelope jiena. Qaltli, ‘hudli dan il-Qorti’. Hi qaltli hekk. Kellha certifikat mediku li tatni. Sa fejn niftakar dan ic-certifikat kien tal-Professur Abraham Galea.’*

*‘Jekk niftakar sew f’dan it-testment li tatni kien hemm paragrafu fejn isemmi tlett (3) mit-tfal taghha li ghandhom jiehdu l-legittima. Imbaghad meta kienet quddiemi lili qaltli illi legittima ghandhom jiehdu tnejn min-nies u semmietli u Lawrence u Marija safejn niftakar. Minghalija hallejt barra lit-tifel li kellha jghix l-Awstralja, ma niftakarx x’ismu.’*

*‘Niftakar li Guzeppa kienet iddum biex taqlaghha; kienet tkarkar hafna l-kliem. Kien qisu ghandha problema fi grizmejha; iddum biex tghidlek xi trid tghid. Jiena ftit tkellimt maghha. Diskursata ma kellniex wahda twila; qaltli li riedet it-testment sigriet kif ukoll illi legittima tnejn mit-tfal mhux tlieta. ‘*

*‘Biex qaltli illi trid illi jiena nipprezenta d-dokument il-Qorti damet biex taqlaghha pero’ ma bediex jitkellem it-tifel taghha minflokha’.*

*‘Jiena ma dherlix illi ma tafx tikteb; kif tajtha d-dokument iffirmat mill-ewwel’.*

In kontro-ezami qal:

‘*Jiena dak il-hin li giet quddiemi Giuseppa dehret li kienet tajba, kellha c-certifikat mediku u jiena ma hassejtx illi jien ghandi ghalfejn noqghod niddubita. Meta kienet quddiemi ma qalitx kliem illi lili setghet twassalni biex niddubita jekk hijiex mentalment kapaci, lanqas bdiet taghmel xi mossi. In-nuqqas li kellha kien it-tkarkir tal-kliem’.*

- Il-Qorti ma tqisx li ghandha twarrab ix-xhieda tan-Nutara facilment kif qed jippretendu l-atturi. Hekk kif

inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell[16] fl-ismijiet **Joseph Galea pro et noe vs Maria Camilleri** *'nutar huwa ufficjal pubbliku u li in dizimpenn tal-professjoni tieghu huwa ma jiehux il-patrocinju jew interess ta' xi parti fil-konfront ta' interessi ta' haddiehor'.* Dan ukoll peress li x-xhieda taghhom tikkombacja.

- Imbaghad it-tabib Dr John Xuereb Curmi, it-tabib kuranti ta' Guzeppa Axiak sa ftit qabel il-mewt taghha, xehed hekk[17]:

*'Is-sahha fizika taghha wara l-istroke bdiet tiddeterjora biz-zmien. Iktar ma jghaddi zmien wara l-istroke bdiet tiddependi minn uliedha iktar – ghat-tisjir, hasil, wkoll ghall-affarijiet personali taghha. Jiena nnutajt ukoll li l-memorja taghha bdiet tiddeterjora ftit ftit. Wara l-istroke l-moviment ta' idejha ma baqax l-istess u dwar il-kliem kienet titlef xi ftit. Lili kienet tkellimni; konna nikkomunikaw ma' xulxin – nistaqsiha, 'kif inti?' tghidli, 'ok', nghidilha, 'iftah halqek', u tobdi. Ma setghetx tikteb wara l-istroke. Kienet titkellem pero' anki gesti kienet taghmel biex tikkomunika.*

*Ghall-ahhar tas-sena elfejn u tmienja (2008) rajtha. Dak li qieghed nghid dwar Guzeppa Axiak bhala kondizzjoni taghha kienet ukoll fl-ahhar tas-sena elfejn u tmienja (2008). Dwar li ma kinitx f'pozizzjoni li tikteb naf ghaliex fis-sena elfejn u tmienja (2008) kont tajtha karta biex tibda ggib xi pinnoli mill-isptar, tlabtha tiffirma u ma setghetx. Ma nahsibx illi fil-kundizzjoni li kienet kienet kapaci tikteb tlett (3) faccati. Bhala medicina kienet tiehu l-aspirina, Persantin u Nutropil. Dawn il-medicini jghinu c-cirkolazzjoni. Ghalija, il-memorja taghha ddeterjorat biz-zmien wara l-istroke'*

In kontro-ezami xehed:

*'Qed nara certifikat mediku markat 'XCI' – jien hrigt dan ic-certifikat, April elfejn u tmienja (2008). Irrid niccara illi*

---

[16] Deciza l-1 ta' Lulju, 1965

[17] A fol 104 *et seq* tal-process

*meta ghidt li ma kontx nohrog certifikat mediku kont nirreferi ghas-sena elfejn u disgha (2009). Fil-fehma tieghi meta rajtha f'April elfejn u tmienja (2008) kienet kapaci taghmel testment'*

In ri-ezami xehed:

*'Jiena qed naghmilha cara illi ma kontx nohrog certifikat bhal dak li hrigt fil-hmistax (15) ta' April elfejn u tmienja fl-ahhar zminijiet ta' hajja ta' Guzeppa Axiak'*

- L-istess attur huwa wkoll kontradittorju fix-xhieda tieghu. Fl-affidavit tieghu[18] xehed li tlett snin qabel ma' mietet ommu[19] meta kien imur jaraha u jistaqsiha kif inhi ma kinitx tkellmu, tidhaklu u tipprova tgedwed b'mod li ma tinftehimx. Ighid li waqqfet titkellem totalment u ma kinitx taf turi x-xewqat taghha.

In kontro-ezami[20] xehed li hames snin qabel ma mietet ommu hija bdiet tinsa x'jisimhom u kemm titbissimlu. Kwindi l-attur qieghed jirreferi ghas-sena 2004 – din hija s-sena fejn gie ppubblikat il-kuntratt ta' donazzjoni a favur tieghu u ta' ibnu. L-attur jidher li mhux qed ikejjel is-sitwazzjoni bl-istess mizien ghaliex allura bix-xhieda tieghu stess qieghed ighid li lanqas meta saru l-kuntratti fis-sena 2004 ommu ma kienet mentalment kapaci.

- In kontro-ezami rrizulta wkoll li fl-ahhar sentejn ta' hajjet ommu ma kienx imur jaraha spiss ghax qal li ma kienx hemm komunikazzjoni. Dan jikkombacja ma dak li xehdet ohtu Maria Axiak li baqghet tghix ma' ommha. U allura kif jista' jixhed dwar il-bzonnijiet ta' ommu ta' kuljum meta lanqas biss kien imur jaraha regolarment?

- L-istampa li pinga Joseph Axiak mhux l-istat li fih kienet verament Guzeppa Axiak. Huwa stess jixhed[21] li bl-istroke ommu ma gietx paralizzata ghal kollox u li baqghet

[18] A fol 71 tal-process
[19] Ossija fl-2006
[20] A fol 258 tal-process
[21] A fol 258 tal-process

timxi sa’ l-ahhar. Ommu baqghet taf tiffirma sakemm mietet.

- Huwa minnu li wara l-istroke fis-sena 2002 meta marret id-dar hutu bdew jaghmlulha kollox huma. M’Assunta Borg (li zzewget fl-4 ta’ Lulju 2008) xehdet li hija baqghet tahdem imma dejjem kien ikun hemm xi hadd m’ommha. Hija pero’ kienet tidhol fil-kamra tal-banju wahdeha ghalkemm gieli ghenuha biex tnizzel il-hwejjeg u biex tinhasel biex ma tizloqx.

- Ma jridx jintesa li Guzeppa Axiak kienet anzjana ta’ madwar 80 sena meta taha l-istroke. Il-Qorti hija konvinta li l-ghajnuna li kienu qed jaghtuha wliedha kienet aktar minhabba l-eta’ u mhux ghax kienet mentalment inkapaci. Li kieku l-Qorti kellha taccetta l-argument ta’ l-atturi jkun ifisser li l-maggiorparti ta’ l-anzjani f’pajjizna mhux mentalment kapaci! Huwa ovvju li l-attur konvenjentement qieghed jekwipara d-debilita’ fizika ma’ dik mentali izda huwa hawnhekk fejn l-atturi huma zbaljati.

- Il-fatt li persuna anzjana jkollha bzonn l-ghajnuna ghall-bzonnijiet taghha ma jfissirx li hija mentalment inkapaci jew li mohha tant huwa debboli li ma tafx tesprimi xewqitha u li ta’ madwarha japproffittaw ruhhom minn hekk u jgaghluha taghmel affarijiet li ma kinitx taghmilhom jew li mhumiex skont ir-rieda taghha. Lanqas il-fatt li persuna ma baqghetx titkellem bhalma kienet ma jfisser hekk. Lanqas il-fatt li lejn l-ahhar ta’ hajjitha bil-lejl kellha tilbes il-harqa ma jfisser li mohha ma kienx sew.

- Ix-xhieda kollha, hlief l-atturi u xi xhieda prodotti minnhom, kienu konsistenti f’dak li qalu ossija Guzeppa Axiak kienet iddum biex tohrog il-kelma izda kienet tinftiehem ma’ wliedha u anki ma’ nies ohrajn.

- M’hemmx dubju li meta saru t-testmenti fis-sena 2006 u 2007 Guzeppa Axiak kienet mentalment kapaci u ghalkemm b’xi ftit diffikulta’ kienet kapaci tesprimi xewqitha.

- Dwar it-testment sigriet li sar fis-sena 2007 jinghad ukoll li rrizulta li meta marret ghand in-Nutar Zammit akkumpanjata minn binha dan kien lest bic-certifikat mediku. Hareg mix-xhieda li hija kienet taf u thobb taqra u tikteb izda wara l-istroke ma baqghetx tikteb ghalkemm baqghet tiffirma. Dwar dan issir referenza ghall-artikolu 656(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi '*It-testment sigriet jista' jiġi stampat, maghmul bit-typewriter jew miktub bil-linka sew mit-testatur innifsu jew minn terza persuna'*.

Minn tali artikolu jirrizulta li anki jekk it-testment ma nkitibx mit-testatrici nnifisha ma sehhet l-ebda vjolazzjoni tal-ligi. Dan qieghed jinghad ghal kull buon fini ghaliex in effetti l-atturi mhumiex qeghdin jattakkaw dan it-testment fuq xi vjolazzjoni tal-mod kif gie redatt.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi regghu rreferew ghall-artikolu 663 tal-Kap 16 sabiex isostnu n-nullita' tat-testment u dan peress li allegatament il-formalitajiet stipulati mil-ligi ma gewx osservati stante l-inkapacita' tat-testatrici. Izda l-azzjoni attrici mhiex ibbazata fuq dan l-artikolu u fuq l-artikolu 672 tal-Kap 16. Inoltre' meta l-atturi talbu 'korrezzjoni' ai termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 fis-sens li jziedu raguni ohra ghalfejn it-testmenti ghandhom jigu dikjarati nulli u dan minhabba ksur tal-formalita' kontemplata fl-artikolu 663 tal-Kap 16, il-Qorti permezz tad-digriet tad-19 ta' Novembru 2010 cahdet it-talba taghhom.

- L-atturi ghamlu enfasi wkoll fuq il-fatt li meta saru t-testmenti Guzeppa Axiak kienet dejjem akkumpanjata minn Lawrence Axiak. Huma sostnew li dan Lawrence kien id-'deus ex machina', li kienet ballun f'idejh. Sostnew li hija ma kinitx taf x'kienet qeghda taghmel u peress li kienet totalment dipendenti fuq uliedha li kienu jghixu maghha Lawrence, Maria u Sonia kienu gabuha bicca lastiku f'idejhom ghall-bzonnijiet u nteressi taghhom u ghalhekk il-bcejjec ta' eghlieqi li halliet biex jinhadmu minn Rita Galea, dawn effettivament kienu se jinhadmu minn Lawrence, Maria u Sonia peress li Rita Galea tghix Malta. Fil-fatt Lawrence ammetta li huwa kien jahdem l-eghlieqi ta' ohtu Rita ghax hija halliethom f'idejh.

Illi tali kummenti mhumiex hlief allegazzjonijiet u asserzjonijiet li mhumiex sorretti mill-provi. It-testment sigriet tas-sena 2007 huwa simili ghal dak ta' qablu hlief ghal xi varjazzjonijiet. Jinghad ukoll li effettivament f'dawn it-testmenti Lawrence Axiak flimkien ma' ohtu Maria thallew biss il-porzjon rizervat lilhom mil-ligi. Jekk Rita Galea halliet l-eghlieqi f'idejn huha Lawrence l-fatt jibqa' li dawn huma fuq isimha u tista' taghmel bihom li trid.

▪ Illi l-atturi jenfasizzaw ukoll li Guzeppa Axiak kienet tiehu l-pilloli 'Persantin' u 'Nutropil' li huma jsostnu li jinghataw lill-persuni li jbatu b'alzheimer u amnesia.

It-Tabib Xuereb Curmi[22] xehed li dawn il-medicini jghinu c-cirkolazzjoni pero' n-Nutropil tista' tintuza' ghal alzheimer's u dementia. Dawn il-pilloli nghataw lilha mill-Isptar.

Dr Nathalie Gatt Ellis[23], li xehdet fuq il-file mediku ta' Guzeppa Axiak, qalet li 'Nutropil' hija medicina li tinghata biex ixxid ic-cirkolazzjoni fil-mohh u qalet ukoll *'Jiena qeghda nifhem illi hi nghatat in-nutropil minhabba l-istroke li sofriet fl-2002'.* Fl-2004 jissemmew il-medicini li kienet tiehu u Nutropil ma ssemmitx izda tissemma l-Persantin li traqqaq id-demm u sal-2007 jidher li kienet ghadha qed tiehu l-Persantin.

▪ Il-Qorti ezaminat il-file mediku ta' Guzeppa Axiak u mkien ma gie indikat li Guzeppa Axiak kienet tbati minn dementia jew alzheimer. Lanqas it-tabib kuranti taghha ma qal hekk – huwa xehed li s-sahha fizika ta' Guzeppa Axiak bdiet tiddeterjora maz-zmien izda mhux li kienet tbati minn dementia jew alzheimer. Dr Xuereb Curmi kien jaraha kull 4 xhur – qal li kienet titkellem pero' anki gesti kienet taghmel biex tikkomunika. Ghalih il-memorja bdiet tiddeterjora biz-zmien wara l-istroke. Huwa xehed li meta raha f'April 2008 (meta rrilaxxa c-certifikat) fil-fehma

[22] A fol 104 tal-process

[23] A fol 292 et seq tal-process – xehdet in rapprezentanza tal-Isptar Generali ta' Ghawdex

tieghu kienet kapaci taghmel testment. Hawnhekk tajjeb li jigi rilevat li tnejn miz-zewg testmenti mertu tal-vertenza odjerna kienu saru fis-sena 2006 u 2007.

Illi t-testment li sar fid-9 ta’ Jannar 2009 li permezz tieghu hassret u rrevokat it-testment li kienet ghamlet fl-2006 kien testment bi klawzola wahda u ma kienx fih kumplikazzjonijiet. In-Nutar Dr Kristen Dimech li ppubblika l-kuntratt xehed li Guzeppa Axiak qaltlu x’riedet taghmel u li kienet hija li kkomunikat mieghu.

- Il-fatt li Lawrence Axiak kien ghadda minn proceduri kriminali mhux relevanti ghall-vertenza odjerna. Il-fatt li kien jakkumpanja lil ommu ghand il-Psikjatra u n-Nutara lanqas ma jfisser necessarjament li huwa kien qieghed igeghlha jew japprofitta ruhu minnha. Minn qari tat-testmenti ma jirrizultax li Lawrence Axiak ibbenefika minn dawn it-testmenti b’xi mod partikolari.

- Jirrizulta li Guzeppa Axiak matul is-snin dehrilha li lil xi whud minn uliedha taghmlilhom donazzjoni f’hajjitha. L-istess Joseph Axiak u ibnu bbenefikaw snin qabel. S’intendi l-fatt li fit-testment m’ezentatx mill-kollazzjoni jwassal ghal riperkussjonijiet. Inoltre’ wiehed ma jridx jinsa li hu naturali li jekk persuna tkun qed tiehu hsieb il-genitur jew persuna ohra b’xi mod tkun agevolata fit-testment. Madankollu, sakemm persuna ghadha hajja u kapaci ghandha l-jedd li taghmel b’gidha kulma thalliha taghmel il-ligi.

- Mill-atti u mix-xhieda rrizulta li Mary Axiak, Sunta Borg u Lawrence Axiak kienu jduru b’ommhom partikolarment Mary Axiak u Sonia Borg. Rita Galea ghalkemm tghix f’Malta kienet tmur taraha regolarment u tqatta’ hafna hin hdejha. Min-naha l-ohra Emmanuel Axiak imsiefer, u Joseph Axiak stess ammetta li ma kienx imur spiss jaraha bl-iskuza ta’ nuqqas ta’ komunikazzjoni, meta huwa kien ikun proprju hdejn id-dar taghha jaghlef l-ghasafar. Din il-Qorti temmen li Joseph Axiak kien ha li ried minghand ommu fis-sena 2004 w allura ma kienx jindenja ruhu jmur ftit sa hdejha.

- Dwar ic-certifikati medici rilaxxjati minn Profs Abraham Galea jirrizulta li kien hemm drabi fejn raha personalment u kien hemm drabi ohra fejn irrilaxxja certifikat mediku minghajr ma ezaminaha u qghad fuq il-kelma tal-familjari. Fid-9 ta’ Jannar 2009 (meta sar l-ahhar testment) ma kienx raha. L-atturi ressqu diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-Profs Galea li qeghdin jigu investigati f’fora ohra. Jinghad li fix-xhieda tieghu huwa qal li ghalkemm Guzeppa Axiak ma kinitx issib il-kelma kien konvint li kienet mentalment kapaci sabiex taghmel testment u dan meta kien qed jixhed b’referenza ghat-testment li sar fit-3 ta’ Dicembru 2007.

- L-atturi ppruvaw minn kollox biex jiskreditaw ic-certifikati medici kollha rilaxxjati. Jigi sottolineat li certifikat mediku jista’ jsahhah il-prova favur il-kapacita’ mentali tat-testatur, imma n-nuqqas tieghu ma jfissirx li ma kienx hemm dik il-kapacita’. Dan ifisser li anki kieku l-Qorti kellha tiskarta kompletament ic-certifikati medici xorta wahda ma jfissirx li t-testmenti huma nulli. Certifikat mediku mhux rikjest mil-ligi f’dawn il-kazijiet *ad validitatem.*

- Illi ghalhekk la gie ppruvvat li fil-mument li saru t-testmenti Guzeppa Axiak kienet marida b’mohha u lanqas li kienet ta’ mohh u ta’ volonta’ tant debboli li kienet strument f’idejn haddiehor.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------